MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 324/1999/1

**Onor Dr Louis Deguara**

**vs**

**Felix Agius**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi b'artiklu intitolat 'Ta Deguara Preferuti' ppubblikat fil-hames faccata tal-harga ta' "Kullhadd" tas-7 ta' Frar 1999, ta' liema pubblikazzjoni l-konvenut hu l-editur u l-awtur, gew attribwiti fatti determinati foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu

u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku (Dok A);

Illi l-attur bhala l-parti malafamata u offiza ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex :-

M’ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-pubblikazzjoni suriferita li dehret fil-harga ta’ “Kullhadd” tas-7 ta’ Frar 1999 hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; u

M’ghandux jigi kkundannat minn dina l-Qorti jhallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f’ammont li ma jeccedix hames telef lira (Lm5000) bhala danni ghall-malafama b’applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-guarament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi l-artikolu inkwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur;

Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-sueccepit in kwantu l-artiklu in kwistjoni jikkonsisti f’espressjoni ta’ opinjoni li huwa fair comment maghmul in buona fede, u in kwantu l-artikolu jikkonsisti f’allegazzjoni ta’ fatt, liema fatt huma sostanzjalment veri;

Illi konsegwentement it-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attur u lix-xhud minnu prodott;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza gietbdiferita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur jghamel referenza ghall-artikolu bit-titolu “Ta Deguara Preferuti” ppubblikat fil-hames faccata tal-harga tal-gurnal “Kullhadd” tas-7 ta’ Frar 1999. L-attur jippremetti li l-konvenut hu l-editur tal-imsemmija gazzetta u hu ukoll l-awtur tal-istess artikolu. L-attur jippretendi li fl-imsemmi artikolu gew attribwiti lilu fatti determinati li huma foloz u malafamanti u dan bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. L-attur jippretendi li bhala l-parti malafamata u offiza huwa ghandu d-dritt ghad-danni skond l-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta). Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi ddikjarat li l-imsemmija pubblikazzjoni hi libelluza u malafamanti fil-konfront tieghu u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku. L-attur qed jitlob ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas dik is-somma li tigi fissata mill-Qorti skond il-ligi bhala danni ghall-malafama;

Fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur jispecifika li huwa deputat elett mill-hdax il distrett (li tikkomprendi lin-Naxxar) kif ukoll hu l-Ministru tas-Sahha. L-attur specifika ukoll li l-artikolu in kwestjoni hu libelluz b’mod partikolari fejn gie allegat li huwa, cioe’ l-attur, abbuzivament u illegalment uza xi influwenza tieghu fil-hrug ta’ permess ghall-pompa tal-petrol fix-Xwieki liema permess inghata lil Victor Chetcuti, li huwa ex-xuffier tieghu. L-attur cahad li huwa direttament jew indirettament kien involut fil-hrug ta’ dan il-permess jew intervjena b’xi mod biex dan il-permess inhareg. Huwa ddikjara li dan il-permess inhareg mill-Awtorita kompetenti fi zmien meta kien hemm amministrazzjoni tal-Partit Laboritsta qed tmexxi l-pajjiz;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-artikolu in kwestjoni mhux libelluz fil-konfront ta' l-attur. Huwa jeccepixxi ukoll li l-artiklu in kwistjoni jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni u li huwa fair comment maghmul in buona fede, u li jikkonsisti f'allegazzjoni ta' fatt, liema fatt hu sostanzjalment veru;

Jigi rilevat li l-konvenut naqas li jipproduci provi in sostenn ta' dak li huwa allega fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu u dana nonostante li huwa nghata kull opportunita' biex jghamel dan;

Jirrizulta li l-konvenut kien l-editur tal-gazzetta in kwestjoni cioe' l-gazzetta Kull Hadd tas-7 ta' Frar 1999. Jirrizulta ukoll li l-artikolu gie pubblikat fuq rapport tal-istess konvenut;

L-artikolu in kwestjoni hu intitolat, b'mod prominenti hafna, "Ta' Deguara Preferuti". Hu ovvju li r-riferenza hi ghall-attur, li kif gia ntqal hu deputat tal-Partit Nazzjonalista fil-parlament u kien jokkupa, u ghadu, l-karika ta' Ministru tas-Sahha. L-artrikolu mill-ewwel jghamel referenza ghar-residenti tan-Naxxar li huma l-kostitwenti tal-attur. L-artikolu isemmi li n-Naxxarin qed jistaqsu ghaliex u kif inghata permess ghall-pompa tal-petrol fix-Xwieki lill Victor Chetcuti, li huwa l-ex xufier tal-attur, meta l-istess permess gie michud meta applikaw terzi (is-sidien tal-pompa li hemm quddiem il-Knisja tan-Naxxar). L-artikolu jghid ukoll li wara li saret l-bidla fil-Gvern l-imsemmi ex xufier tal-attur irnexxielu jghamel dak li ma ghamlux l-imsemmija terzi. L-artikolu itemm jghid li l-unika raguni li qed isemmu n-Naxxarin ghal dan kollu hi li l-imsemmi Chetcuti huwa qrib hafna tal-Ministru Louis Deguara;

L-artikolu ghalhekk jghamel insinwazzjonijiet li l-permessi in kwestjoni nhargu wara l-intervent tal-attur. L-artikolu jindika li minhabba l-intervent tal-attur l-ex xufier tal-istess attur irnexxielu jakkwista permessi li ma nghatawx lill terzi;

Inoltre l-attur esibixxa kopja ta' risposta ministerjali ghal domanda paramentari fejn intqal li l-permess in kwestjoni

nhareg meta l-amministarazzjoni tal-pajjiz kienet fdata f’idejn il-Partit Laborista Malti. Jirrizulta li din ir-risposta nghatat qabel ma gie pubbblikat l-artikolu in kwestjoni u ghahekkk minn kien qed jirrapporta seta facilment jghamel il-verifiki kollha necessarji qabel ma kiteb l-istess artikolu. Il-fatt li l-artikolu gie pubblikat nonostante li kien kienet inghatat l-imsemmija informazzjoni pubblika, jindika li l-artikolu nkiteb appositament biex inaqqas il-gieh tal-attur mal-kostitwenti tieghu. Difatti l-artikolu jghamel diversi referenzi ghan-Naxxarin;

Inoltre l-attur kategorikament cahad li l-imsemmi Chetcuti qatt talbu biex jintervjeni ghar-rigward tal-hrug tal-imsemmija permessi. Huwa jghid li ma kellu x'jaqsam xejn mal-hrug ta' dan il-permess. L-attur ikompli jghid li l-hrug ta' dan il-permess, minkejja li fl-artiklu hemm specifikat li hareg wara l-bidla tal-gvern, kien effettivament hareg taht l-amministrazzjoni precedenti u cioe’ dik laborista u ghalhekk huwa ma setax jesercita influwenza fil-hrug tal-istess permess;

F’kawzi bhal presenti, u cioe’ f’kawzi ta’ libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt, f’socjeta demokratika, li wiehed jghid u jesprimi ruhhu u jsemma l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta kull cittadin li jgawdi r-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta’ socjeta demokratika. Dan gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna. (Ara Vincent Borg vs Victor Camilleri – Qorti tal-Appell Civili – 15 ta’ Novembru 1994). Kullhadd ghandu jkollu l-liberta’ li jghid dak li jhoss li ghndu jghid, pero’ tali liberta’ ma ghandha qatt twassal ghat-tnaqqis tar-reputazzjoni u tal-gieh ta’ cittadini ohrajn l-aktar jekk jigu attribwiti atti li mhux veri. Appuntu gie ukoll ritenut li l-liberta’ tal-espressjoni taqbez il-konfini ta dakn li hu ragjonevoli u minflok issir ksur tad-drittijet ta’ haddiehor appuntu fejn l-espressjoni tkun ibbazata fuq fatti mhux veri. (Ara Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja – Prim’Awla – 19 ta’ Jannar 1966);

Hawnhekk trid ukoll issir distinzjoni bejn “allegazzjoni ta’ fatt” u “kumment”. Meta ssir difiza li tirreferi ghal verita’ tal-fatti, l-fatt ghandu jigi pruvat. Meta issir difiza dwar

kumment gust ghandha ssir il-prova li dak il-kumment hu appuntu gust u mghamul in bona fede. Tali kumment ma jista qatt jkun gust u in bona fede jekk il-fatti attribwiti ma jkunux veri;

In vista ta’ dan kollu jirrizulta sufficjentement li l-artikolu in kwestjoni hu libelluz fil-konfront tal-attur. L-artikolu zgur li ma jistax jitqies bhala kumment gust u mgjamul in bona fede b’mod partikolari peress li hu bbazat fuq fatti li mhux veri. Minhabba f’hekk lanqas ma jista jinghad li l-artiklu in kwestjoni hu espressjoni ta’ opinjoni jew li jikonsistu f’rappurtagg gurnalistiku dwar kwestjonijiet ta’ interess pubbliku u li huma accettabbli f’socjeta demokratika. Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti;

Mill-banda l-ohra jirrizulta sufficjentement pruvat li l-artikolu in kwestjoni hu libelluz u malfamanti fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu akkolti;

In vista ta’ dak kollu li gie premess, in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz u tar-rizultanzi u in vista tal-fatt li c-cirkostanzi meritu tal-artikolu setghu facilment gew verifikati qabel ma gie pubblikat l-istess artikolu, l-ammont tad-danni li ghandu jigi likwidat hu fis-somma ta’ elkf u sitt mitt liri maltin (Lm1600);

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddkjara li l-pubblikazzjoni in kwestjoni li dehret fil-harga tal-gurnal “Kullhadd” tas-7 ta’ Frar 1999 hi libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elkf u sitt mitt liri maltin (Lm1600) bhala danni ghall-malafama u dana bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta) u bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------